MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 204/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Emmanuel Degiorgio**

**Illum, 18 ta' Marzu, 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, mill-25 t'Awwissu 2006 sal-25 ta' Jannar, 2009, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas li jaghti lil martu Filippa Degiorgio u/jew lil bintu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha w/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Gunju, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-appellant hati w ghaldaqstant ikkundannatu xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-16 ta' Gunju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma kwantu ghal htija w thassaraha w tirrevokaha billi tapplika piena anqas harxa.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti w cioe':-
Illi dan huwa appell fuq il-piena stante li l-appellant irregistra ammissjoni tal-akkuza dedotta kontra tieghu. Illi l-piena ta' xahar habs fuq l-appellant kienet harxa wisq u dana minhabba fis-segwenti ragunijiet. L-appellant ma jahdimx u huwa “boarded out” ghaliex kien korra fuq ix-xoghol fi zmien il-Kalaxlokk. Illi d-dhul tal-appellant huwa wiehed mizeru u l-appellant isibha difficli li jifhem ghaliex il-Qorti tal-Familja tat digriet hekk fid-dawl ta' dana x-xenarju verament miskin;
Illi ghal perjodu nkriminanti, l-appellant qatta l-maggor parti tieghu mizmum taht “house arrest” u dana in konnessjoni ma kawza penali li wkoll ghandha l-isfond tal-familja w il-pendenzi li ghaddejja w anke fuq insistenza tal-mara stess. Illi dan inghad ghaliex il-fatt li l-appellant kien mizmum f'daru ftit li xejn ghen biex dana jipprova jghin ruhu anke jekk prekluz minhabba ragunijiet ta' sahha;
Illi di piu u biex tkompli tiggrava l-kwistjoni, l-partijiet ghandhom xi bicciet ta' propjetajiet li huma mikrija lill-terzi. Il-kera kollha ta' dawn il-propjetajiet kollha (anke in-nofs tar-ragel minkejja li ma hemmx xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti) jittiehdu mill-mara. Illi ghalhekk mhux minnu li

wiehed jipprova jaghti l-impressjoni li l-mara ma hija qed tiehu xejn. Il-mara qed tiehu l-uniku dhul (apparti assistenza socjali) li l-konjugi qed idahhlu;
Illi ghalhekk ghalkemm huwa ben risaput li l-Qrati taghna jikkundannaw detenzjoni meta jkun hemm nuqqas ta' hlas ta' manteniment, f'dan il-kaz l-appellant jappella ghal klemenza w dana minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja dizastruza li huwa jinsab fiha.

Ikkunsidrat :

L-appellant qieghed jibbaza l-appell tieghu principalment fuq il-piena peress li jidhirlu illi xahar detenzjoni hija kifra wisq fil-konfront tieghu.

Spjega fit-trattazzjoni illi jinsab "borded out" u ma jistax jahdem u ghalhekk qed jiehu beneficcji socjali. Spjega wkoll illi hu u martu Filippa jircievu xi kirjiet izda dawn imorru kollha ghand il-mara, anki n-nofs illi suppost jigi ghandu. Bhala rieda tajba offra li jaghti xahar manteniment lill-martu.

Il-parti leza, Filippa Degiorgio, spjegat illi l-argumenti tal-appellant kollha gew trattati u dibattuti quddiem l-Ewwel Qorti u li l-appellant ilu sitt snin ma jhallas manteniment.

Ikkunsidrat :

Jidher li hu minnu li dawn l-argumenti gew trattati quddiem l-Ewwel Qorti peress li fil-kunsiderazzjonijiet taghha qalet specifikament illi l-imputat ilu ma jhallas manteniment ghall-perjodu ta' 'l fuq minn sentejn u kien dan li nduca lill-Ewwel Qorti sabiex tirristringi l-liberta' tal-appellant bi speranza li jiehu taghlima w jigi konformi mal-Ligi.

Jidher pero' li l-appellant difficli jiehu taghlima, peress li bil-wicc tost kollu gie quddiem il-Qorti tal-Appell b'offerta illi jhallas biss ta' xahar.

Jekk haseb li se jimpresjona lil xi hadd b'din l-offerta, zgur mhux din il-Qorti u jekk l-appellant qieghed f'sitwazzjoni finanzjarja dizastruza, dina hija attribwibbli lejh ghan-

nuqqas ta’ ghaqal u “commitment” ghall-obbligazzjonijiet tieghu versu l-familja.

Jekk l-appellant jidhrilhu li hemm xi ordni illi ghandha tigi varjata, allura jmissu jadixxi l-Qorti opportuna sabiex jiddibatti l-kwistjoni hemmhekk.

F’dan l-istadju hemm digriet jew ordni illi l-imputat ihallas manteniment lill-martu u lill-uliedu u ma jistax unilateralment jiddeciedi li ma jhallasx aktar, izjed u izjed ghal tul ta’ zmien illi jeccedi s-sentejn. Inutili illi jilmenta quddiem din il-Qorti illi l-unika dhul illi ghandhom il-konjugi qed tiehdu kollu l-mara.

L-appellant jaf illi huwa obbligat ihallas u jibqa’ hekk obbligat ihallas sakemm ikollu ordni kuntrarja mill-Qorti opportuna. F’dan l-istadju kwindi l-ilment tieghu ma jistax jigi milqugh.

Mill-bqija din il-Qorti rat l-atti kif ukoll is-sentenza tal-Ewwel Qorti u jidhrilha illi fic-cirkostanzi illi kellha quddiema, s-sentenza tal-Ewwel Qorti kienet ragonevoli u legali.
Ghalhekk mhux il-kaz illi tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ w tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------